MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1183/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Filletti Helen - I.D. 152361-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ elf tliet mija tlieta u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,393.63c), rapprezentanti ammont dovut lis-Socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat bhala “Dok. A”).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda din baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota datata 26 ta' Novembru 2010 li giet ipprezentata mis-Socjeta' attrici, li permezz taghha irriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' elf mittejn u tlieta u hamsin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,253.63c), stante pagament akkont tal-ammont dovut.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn tlieta u hamsin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,253.63c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------